# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, iT-Tnejn 2 ta' Mejju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 352/2021

It-Tribunal;

**Alsons Limited (C5257)**

**VERSUS**

**Joseph Spiteri [K.I. NRU.479964M)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Dicembru, 2021 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, mija u erbgha u tletin Ewro (€1,134), rapprezentanti bilanc ghal merce supplit u ikkonsenjat lil konvenut, li minkejja diversi interpellanzi baqa' moruz fil-hlas. Bl-ispejjez inkluz l-imghax mid-data tal-prezentata tat-talba.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2022, it-Tribunal kien innota li l-konvenut kien notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza biss fit-23 ta' Dicembru 2021 u ghalhekk s-socjeta attrici kellha terga' tohrog notifika tat-talba. Il-konvenut gie debitament notifikat bit-talba processwali fit-30 ta' Marzu 2022, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tas-20 ta' April, 2022, it-Tribunal sema' lil Michael Pule bhala rapprezentat tas-socjeta attrici jiddikjara illi l-konvenut kien ghamel pagament ta' mija u ghoxrin

ewro (€120) minn meta kienet giet intavolata l-kawza u ghalhekk kien fadal bilanc ta' elf u erbatax-il Ewro (EUR1,014).

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal sema' lil rapprezentat tas-socjeta attrici jixhed u ra li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rapprezentant tas-socjet attrici m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jitwemmen.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur ghandu jigi ridott ghas-somma ta' elf u erbatax-il Ewro (EUR1,014).

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf u erbatax-il Ewro (EUR1,014) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tat-talba sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tal- konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**